



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 23.5.2011  
KUMM(2011) 301 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar in-nefqa tal-FAEG**

**Sistema ta' twissija bikrija**

**Nru 4/2011**

## WERREJ

1.	Introduzzjoni.....	3
2.	Dħul assenjat lill-FAEG .....	3
3.	Dħul li joriġina mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (is-settur taz-zokkor) .....	4
4.	Kummenti dwar l-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit tal-FAEG għall-2011 .....	4
5.	Implimentazzjoni tad-dħul assenjat lill-FAEG .....	8
6.	Implimentazzjoni tad-dħul li joriġina mill-ammonti temporanji għar-ristrutturar (is-settur taz-zokkor) .....	8
7.	Implimentazzjoni tal-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor .....	9
8.	Konklużjonijiet .....	9
ANNEX 1:..... UŻU PROVVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEGG FIT-28/02/2011		

## 1. INTRODUZZJONI

Għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2010 u t-28 ta' Frar 2011, il-livell attwali tal-implimentazzjoni tal-baġit imqabbel mal-profil tan-nefqa previst mill-indikatur, stabbilit abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005<sup>1</sup>, qed jiġi ppreżentat fl-Anness 1.

## 2. DĦUL ASSENJAT LILL-FAEG

Abbażi tar-regoli tal-Artikolu 34 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni, id-dħul li joriġina mill-korrezzjonijiet finanzjarji skont id-deċizzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità, minn irregolaritajiet u mill-imposta fuq il-ħalib, jitqies bħala dħul assenjat għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG. Skont dawn ir-regoli, dħul assenjat jista' jintuża biex ikopri l-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG imġarrba mill-Istati Membri. F'każ fejn parti minn dan id-dħul ma tintużax, din il-parti tiġi ttrasferita awtomatikament għas-sena tal-baġit ta' wara<sup>2</sup>.

Il-Baġit tal-FAEG għall-2011 inkluda kemm: l-istima l-aktar riċenti tal-Kummissjoni dwar l-ammont ta' approprjazzjonijiet, li tkun meħtieġa biex tkun iffinanzjata n-nefqa mistennija għall-miżuri tas-suq u għall-ġhajnuniet diretti, kif ukoll l-istimi tad-dħul assenjat, li kien mistenni jinġabar matul is-sena tal-baġit inkwistjoni u t-trasferiment tal-bilanċ tad-dħul assenjat li kien baqa' disponibbli mis-sena tal-baġit preċedenti. Fil-proposta tagħha għall-ammont ta' approprjazzjonijiet tal-FAEG għall-Baġit tal-2011, il-Kummissjoni qieset id-dħul assenjat totali mistenni u talbet fl-2011 livell ta' approprjazzjonijiet ikkalkolat billi tnaqqas l-istima tad-dħul assenjat mill-istima tan-nefqa tagħha. L-Awtorità tal-Baġit adottat il-baġit il-ġdid tal-FAEG li l-approprjazzjonijiet tiegħu kienu jinkludu d-dħul assenjat mistenni.

Fiż-żmien tal-istabbilment tal-Baġit għall-2011, l-istimi tal-Kummissjoni tad-dħul assenjat disponibbli kienu jammontaw għal EUR 1 247 miljun. B'mod speċifiku:

- Ġie stmat li d-dħul assenjat li mistenni jiġi ġġenerat matul is-sena tal-baġit tal-2011 se jkun ta' EUR 707 miljun. Kienu mistennija l-ammonti ta' EUR 600 miljun u EUR 88 miljun mill-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-konformità u mill-irregolaritajiet rispettivament. Ġie stmat li d-dħul mill-imposta fuq il-ħalib se jkun ta' EUR 19 miljun.
- Ġie stmat li d-dħul assenjat li mistenni jiġi ttrasferit mis-sena tal-baġit tal-2010 għall-2011 se jammonta għal EUR 540.0 miljun.

Fil-baġit tal-2011, il-Kummissjoni assenjat dan id-dħul ta' EUR 1 247 miljun għal żewġ skemi. B'mod speċifiku:

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1

<sup>2</sup> Id-dħul assenjat ittrasferit għandu jintuża l-ewwel, u dan ifisser qabel l-approprjazzjonijiet ivvutati mill-Awtorità tal-Baġit jew id-dħul assenjat iġġenerat fis-sena (Art 10 tar-Regolament Finanzjarju).

- EUR 500 miljun ġew assenjati għall-fondi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix, u
- EUR 747 miljun ġew assenjati għall-iskema ta' pagament uniku.

Għal dawn iż-żewġ skemi, l-Awtorità tal-Baġit eventwalment ivvutat favur approprjazzjonijiet li jammontaw għal EUR 292 miljun u EUR 30 389 miljun rispettivament, skont il-proposta tal-Kummissjoni. Is-somma tal-approprjazzjonijiet ivvutati u d-dħul assenjat imsemmi hawn fuq jikkorrispondu għal stima totali tal-approprjazzjonijiet meħtieġa ta' EUR 792 miljun għall-fondi operattivi tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix u ta' EUR 31 136 miljun għall-iskema ta' pagament uniku.

Fl-Anness, li jippreżenta l-użu provviżorju tal-baġit għall-2011 għall-perjodu sat-28 ta' Frar 2011, iċ-ċifri tal-approprjazzjonijiet tal-baġit għas-settur tal-frott u l-ħaxix u għas-settur tal-ġajjnuniet diretti diżakkoppjati, ippreżentaw approprjazzjonijiet ivvutati għal dawn iż-żewġ skemi, li jammontaw għal EUR 491.1 miljun u għal EUR 36 324 miljun rispettivament, mingħajr ma jitqies id-dħul assenjat imsemmi hawn fuq. Wara li jiġi inkluż id-dħul assenjat lil dawn is-setturi, l-approprjazzjonijiet totali previsti fil-baġit tal-2011 jammontaw għal EUR 991.1 miljun għall-frott u l-ħaxix u għal EUR 37 071.0 miljun għall-ġajjnuniet diretti diżakkoppjati.

### **3. DĦUL LI JORIĠINA MILL-AMMONTI TEMPORANJI GĦAR-RISTRUTTURAR (IS-SETTUR TAZ-ZOKKOR)**

L-ammonti temporanji għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor jitqiesu bħala dħul assenjat maħsub biex jiffinanzja l-ġajjnuna għar-ristrutturar tas-settur taz-zokkor u l-ġajjnuniet l-oħra previsti mill-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor. Għal tliet snin ta' kummerċjalizzazzjoni: 2006/07, 2007/08 u 2008/09, dawn l-ammonti li kienu relatati mal-kwoti kwantitattivi ta' zokkor, ġulepp tal-inulina u iżoglukożju miżmuma minn operaturi f'kull Stat Membru tħallu lill-Fond. Fiż-żmien meta kien sar il-baġit tal-2011 kien mistenni li jkun ittrasferit l-ammont ta' EUR 1 015 miljun mis-sena tal-baġit 2010 għall-2011. L-ammont finali tad-dħul assenjat li ġie ttrasferit għall-2011 lill-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor laħaq l-ammont ta' EUR 1 044.8 miljun.

### **4. KUMMENTI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI PROVVIŻORJA TAL-BAĠIT TAL-FAEG GĦALL-2011**

Il-livell tal-implimentazzjoni provviżorja tal-baġit għall-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 2010 u t-28 ta' Frar 2011 huwa ppreżentat fl-Anness 1. Dan il-livell tqabbel mal-profil tan-nefqa bbażat fuq l-indikatur, li ġie stabbilit abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005. Hawn taħt qed jingħata kummentarju qasir dwar ċerti artikoli tal-baġit, li juru d-diverġenzi l-aktar sinifikanti bejn il-livell attwali tal-implimentazzjoni u dak mistenni għall-baġit tal-2011:

#### 4.1. Miżuri tas-suq

L-assorbiment ta' approprjazzjonijiet għall-interventi fis-swieq agrikoli kien ogħla meta mqabbel mal-livell tal-approprjazzjonijiet ivvutati mill-baġit, kif ikkalkulat mil-livell tal-indikatur fit-28 ta' Frar 2011, b'EUR 151.9 miljun. Din id-diverġenza hija attribwita primarjament għas-settur tal-inbid u għall-programmi tal-ikel. Fl-istess waqt, bħala total, setturi oħra jippreżentaw nuqqas ta' implimentazzjoni.

##### 4.1.1. *Ċereali (-EUR 62.1 miljuni)*

In-nuqqas ta' użu f'din l-intestatura tal-baġit fl-2011 huwa rizzultat ta' bejgħ sinifikanti ta' ċereali mill-intervent li beda f'Diċembru 2010. Sat-28 ta' Frar, fil-qafas ta' offerti miftuħa, il-Kummissjoni biegħet 2 404 000 tunellata xgħir u 88 000 tunellata qamħ u allokat prezzijiet partikolarment ogħla minn dawk stmati waqt it-tnejn tal-Baġit tal-2011. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni tqis li n-nefqa negattiva rrapportata f'din l-intestatura tal-baġit twassal għan-nuqqas ta' użu ġenerali fl-aħħar tal-2011.

##### 4.1.2. *Programmi tal-ikel (+EUR 23.1 miljun)*

L-assorbiment aktar mgħaġġel ta' approprjazzjonijiet imqabbel mal-livell tal-indikatur bħalissa huwa riflessjoni tan-nuqqas ta' użu f'din l-intestatura tal-baġit fl-2010. Dan jirrifletti l-fatt li l-ispejjeż amministrattivi tal-Istati Membri marbuta mal-ġestjoni tal-programmi tal-2010 ġew iddikjarati biss fis-sena tal-baġit 2011. F'dan il-mument, il-Kummissjoni tqis li l-approprjazzjonijiet se jkunu suffiċjenti sabiex ikopru n-nefqa mistennija.

##### 4.1.3. *Frott u ħaxix (+ EUR 98.6 miljun meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet ivvutati)*

Dan il-livell ta' implimentazzjoni huwa attribwit għan-nefqa għall-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, li huma ffinanzjati kemm mill-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit, kif ukoll mid-dħul assenjat għal din l-iskema fil-baġit tal-2011 (NB: għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-punt 2 hawn fuq). Dan il-livell ta' implimentazzjoni huwa r-rizzultat tal-applikazzjoni tal-indikatur għall-perjodu sat-28 ta' Frar 2011 għall-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit, li ma jinkludux id-dħul assenjat għal dan is-settur.

F'dan il-mument, il-Kummissjoni tqis li l-approprjazzjonijiet totali disponibbli għal dan is-settur se jkunu suffiċjenti sabiex ikopru n-nefqa li mistennija jġarrbu l-Istati Membri fl-2011.

Mill-2010, għall-benefiċċju tal-qarrej, il-Kummissjoni introduċiet nota f'qiegħ il-paġna \* għat-tabella ta' użu provviżorju li tidher fl-Anness. Din in-nota f'qiegħ il-paġna turi xi tkun is-sitwazzjoni fit-28 ta' Frar 2011, li kieku ġie applikat l-indikatur, għall-approprjazzjonijiet totali, li huma mistennija jkunu disponibbli biex ikun iffinanzjat dan is-settur. Hekk kif indikat fil-punt 2 ta' hawn fuq, il-finanzjament totali li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur huwa magħmul mill-approprjazzjonijiet ivvutati tal-baġit, li jammontaw għal EUR 491.1 miljun, u mid-dħul assenjat għal dan is-settur, li huwa stmat li jammonta għal EUR 500 miljun. Għalhekk, kieku kien applikat l-indikatur għall-finanzjament totali ta' EUR 991.1 miljun li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur, allura jkun jidher li hemm nuqqas ta' użu ta' – EUR 52.5 miljun.

Dan in-nuqqas ta' użu huwa relatat ma' fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li għandhom ritmu ftit aktar bil-mod ta' pagamenti meta mqabbel mas-snin preċedenti u għall-Iskema tal-Frott fl-Iskejjel, li minħabba novità relattiva tal-miżura għadha ma ssegwix xejra ta' użu definit. It-tnejn huma meqjusa ta' natura temporanja. Min-naħa l-oħra, matul dawn l-aħħar tliet snin, l-għajjnuna għar-rikonoxximent preliminari tal-gruppi tal-produtturi segwiet ritmu ta' pagamenti aktar mgħaġġel.

#### 4.1.4. *Il-prodotti tas-settur tal-inbid (+ EUR 117.3 miljun)*

Meta mqabbla mal-livell tal-approprijazzjonijiet tal-baġit u mal-profil teoretiku ta' użu li wera l-indikatur fit-28 ta' Frar 2011, dan l-użu żejjed attwali huwa dovut għar-ritmu iktar mgħaġġel tal-pagamenti mill-Istati Membri primarjament għall-programmi ta' appoġġ nazzjonali għas-settur tal-inbid Dan ir-ritmu aktar mgħaġġel ma jikkostitwixxix riskju li jinqabżu l-approprijazzjonijiet tal-baġit, minħabba li huwa bbażat fuq il-limiti finanzjarji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni għal dawn il-miżuri.

#### 4.1.5. *Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib (- EUR 14.1 miljun)*

Meta mqabbla mal-livell tal-approprijazzjonijiet tal-baġit u mal-profil teoretiku ta' użu li wera l-indikatur fit-28 ta' Frar 2011, ġie osservat li hemm nuqqas ta' użu. B'mod partikolari dan huwa relatat mal-Iskema tal-Ħalib fl-Iskejjel li l-approprijazzjonijiet tagħha fil-Baġit żdiedu b'EUR 10 miljun meta mqabbla mal-ħtiġijiet inizjali. Din iż-żieda fil-baġit mhijiex riflessa fl-użu tal-Istati Membri f'dan l-istadju. Barra minn hekk il-bejgħ ta' trab tal-ħalib xkumat (SMP) barra mill-intervent li beda f'Diċembru 2010, li wassal għal nefqa negattiva f'din l-intestatura, hekk kif il-bejgħ ġie realizzat fil-livell ta' prezzijiet oġhla minn dak stmat oriġinarjament meta tħejja l-Baġit 2011.

#### 4.1.6. *Iċ-ċanga u l-vitella (+EUR 7.2 miljun)*

L-assorbiment aktar mgħaġġel tal-approprijazzjonijiet f'din l-intestatura baġitarja kif imqabbel mal-livell tal-indikatur huwa rizzultat ta' kwantitajiet ikbar minn dawk mistennija esportati b'rifużjonijiet fil-perjodu bejn is-16 ta' Ottubru 210 u t-28 ta' Frar 2011. Minħabba l-ftuħ tas-suq tat-Turkija għall-prodotti tal-laħam tal-UE, l-attività tal-esportazzjoni f'dan is-suq żdiedet b'mod konsiderevoli fl-ewwel nofs tas-sena tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ tal-2010/11. Attwalment il-Kummissjoni tipprevedi li toħroġ iċ-ċertifikati tal-esportazzjoni din is-sena għal kwantità, li hija akbar minn dik stmata fiż-żmien meta tħejja l-Baġit 2011. B'hekk f'dan l-istadju l-Kummissjoni tikkunsidra li din l-intestatura tal-baġit b'mod ġenerali se jkollha użu żejjed fl-2011, li se jkun kopert permezz ta' trasferiment tal-approprijazzjonijiet disponibbli f'intestaturi oħra tal-baġit b'nuqqas ta' użu.

## 4.2. **Għajnuniet diretti**

L-assorbiment tal-approprijazzjonijiet għal għajnuniet diretti mqabbel mal-livell li wera l-indikatur fil-31 ta' Jannar 2011 kien inqas minn EUR 9.7 miljun.

#### 4.2.1. *Għajnuniet diretti diżakkopjati (-EUR 77.4 miljun meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet ivvutati)*

It-total tal-appropriazzjonijiet ta' kreditu disponibbli għall-ħtiġijiet ta' dan is-settur jammonta għal EUR 37 071 miljun inkluż id-dħul previst ta' EUR 747 miljun assenjat għall-Iskema ta' Pagament Uniku. (NB: għad-dettalji, jekk jogħġbok ara l-punt 2 hawn fuq).

L-iskema ta' pagament uniku (SPU) tippreżenta nuqqas ta' użu meta mqabbel mal-livell tal-indikatur. Din l-iskema, wara assorbiment mgħaġġel ħafna fl-ewwel xahrejn tas-sena tal-baġit 2011, naqqset ftit ir-ritmu f'Jannar u Frar. L-Istati Membri diġà ħallu madwar 94 % tal-ħtiġijiet stmati fil-baġit meta mqabbla ma' 89 % f'dak iż-żmien fl-2010.

Il-livell ta' implimentazzjoni għall-għajnuniet diretti diżakkopjati jista' jkun attribwit ukoll għall-pagamenti magħmula mill-Istati Membri għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja (SPUE), fejn ġie osservat nuqqas ta' użu b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-livell tal-indikatur. Filwaqt li għall-maġġoranza tal-Istati Membri r-ritmu tal-pagamenti huwa f'konformità max-xejriet stabbiliti, u sal-aħħar ta' Frar il-Bulgarija u Malta, kienu għadhom ma għamlu l-ebda pagament u fil-Polonja saru pagamenti ħafna aktar baxxi. F'dan il-mument, il-Kummissjoni qed tikkunsidra din is-sitwazzjoni bħala waħda temporanja.

Mill-2010, għall-benefiċċju tal-qarrej, il-Kummissjoni introduċiet nota f'qiegħ il-paġna \* għat-tabella ta' użu provviżorju li tidher fl-Anness. Din in-nota turi x'kienet tkun is-sitwazzjoni fit-28 ta' Frar 2011, li kieku kien applikat l-indikatur għall-appropriazzjonijiet totali li huma mistennija jkunu disponibbli sabiex jiġi ffinanzjat dan is-settur. Skont kif inhu indikat fil-punt 2 ta' hawn fuq, il-finanzjament totali li mistenni jkun hemm għal dan is-settur huwa magħmul mill-appropriazzjonijiet ivvutati tal-baġit, li jammontaw għal EUR 36 324.0 miljun, u mid-dħul assenjat għal dan is-settur, li huwa stmat li jammonta għal EUR 747.0 miljun. Għalhekk, kieku l-indikatur kien applikat għall-finanzjament totali ta' EUR 37 071 miljun li mistenni jkun disponibbli għal dan is-settur, ikun jidher li hemm nuqqas ta' użu ta' EUR 770.8 miljun.

#### 4.2.2. *Għajnuniet diretti oħrajn (EUR 67.4 miljun)*

B'kuntrast mas-sitwazzjoni fl-aħħar ta' Jannar, fit-28 ta' Frar l-għajnuniet diretti oħrajn juru użu żejjed. Din il-bidla hija riżultat ta' ritmu ta' pagament aktar mgħaġġel għall-għajnuna skont l-erja għall-qoton u l-pagament tranżizzjonali għall-frott u l-ħxejjex. Fl-istess waqt, meta mqabbel mal-livell li wera l-indikatur, jista' jiġi osservat ritmu kemmxejn aktar bil-mod ta' pagamenti magħmula mill-Istati Membri għal ċerti skemi oħrajn (primjums għal baqar li jreddgħu, għall-qtil tal-bovini). Dan il-ħin, din is-sitwazzjoni hija mistennija tkun waħda temporanja għall-miżuri kollha ta' hawn fuq.

### 4.3. **Awditjar tan-nefqa agrikola**

#### 4.3.1. *L-approvazzjoni tal-kontijiet tas-snin preċedenti (+EUR 85.4 miljun)*

Il-livell attwali ta' implimentazzjoni jirriżulta mit-tqabbil tal-approvazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-kontijiet li diġà sar mal-livell tal-indikatur korrispondenti fit-

28 ta' Frar 2011. Madanakollu, ta' min jinnota li f'konformità mal-qafas taż-żmien leġiżlattiv, għadhom ma ttiġdux id-deċiżjonijiet kollha tal-approvazzjoni tal-kontijiet mistennija matul din is-sena tal-baġit.

Ta' min jinnota li l-Kummissjoni, fl-Ittra ta' Emenda tagħha għall-2011, ipproponiet korrezzjonijiet li jammontaw għal – EUR 72.0 miljun. L-ammont finali inkluż fil-baġit tal-2011 kien – EUR 272 miljun.

Dan il-mument il-Kummissjoni tqis li l-korrezzjonijiet li mistennija jsiru mid-deċiżjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet tagħha u min-nuqqas ta' ħarsien tal-iskadenzi ta' pagamenti ta' għajjnuna mill-Istati Membri, mhux se jkunu biżżejjed biex ikopru l-ammont straordinarju ta' – EUR 200 miljun. Sabiex tagħlaq din il-partita tal-baġit fl-2011, il-Kummissjoni se jkollha bżonn tkopri n-nuqqas sinifikanti ta' approprjazzjonijiet negattivi tal-baġit bl-approprjazzjonijiet pożittivi tal-baġit.

## **5. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL ASSENJAT LILL-FAEG**

It-tabella fl-Anness turi li d-dħul assenjat, li jammonta għal EUR 1 227.5 miljun, inġabar sat-28 ta' Frar 2011. B'mod speċifiku:

- id-dħul minn korrezzjonijiet abbażi ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità kien jammonta għal EUR 236.1 miljun b'ammonti addizzjonali mistennija sa tmiem is-sena tal-baġit;
- id-dħul mill-irregolaritajiet kien jammonta għal madwar EUR 65.7 miljun, b'ammonti addizzjonali wkoll mistennija sa tmiem is-sena tal-baġit, u
- f'dan il-mument, inġabar kważi d-dħul kollu mill-imposta fuq il-ħalib u dan jammonta għal madwar EUR 20.6 miljun li jaqbeż bi ftit l-istima inizjali ta' EUR 19-il miljun;
- fl-aħħar nett, għall-kuntrarju tal-ammont ta' EUR 540.0 miljun li kien stmat fil-bidu, l-ammont ta' dħul assenjat li ġie eventwalment ittrasferit mill-2010 għall-2011 ammonta għal EUR 905.1 miljun.

Għalhekk, l-ammont tad-dħul assenjat disponibbli għall-finanzjament tan-nefqa tal-FAEG, fit-28 ta' Frar 2011, huwa ta' EUR 1 227.5 miljun. F'dan il-mument, il-Kummissjoni tistma li l-ammont tad-dħul assenjat li għad irid jinġabar jammonta għal EUR 384.6 miljun (id-dħul assenjat li se jiġi ġġenerat fil-baġit tal-2011 huwa stmat għal EUR 707 miljun li minnu nġabru EUR 322.4 miljun).

## **6. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DĦUL LI JORIĠINA MILL-AMMONTI TEMPORANJI GĦAR-RISTRUTTURAR (IS-SETTUR TAZ-ZOKKOR)**

F'konformità mal-leġiżlazzjoni, ma nġabar l-ebda ammont ġdid ta' ristrutturar temporanju mill-Istati Membri minn Novembru 2009 'l hawn. Għalhekk, l-ammont totali tad-dħul assenjat disponibbli għall-Fond ta' Ristrutturar għaz-Zokkor huwa ugwali għall-ammont ittrasferit mill-baġit tal-2010, li jammonta għal EUR 1 044.8 miljun (ogħla mill-EUR 1 015-il miljun fil-baġit tal-2011 minħabba li fl-aħħar tal-2010 kienu saru pagamenti b'ammonti iżgħar minn daww mistennija).



## **7. IMPLIMENTAZZJONI TAL-FOND TA' RISTRUTTURAR GĦAZ-ZOKKOR**

Fl-aħħar ta' Frar 2011, l-Istati Membri kienu għamlu pagamenti ta' EUR 10.6 miljuni għal għajnuniet li jikkonċernaw l-miżuri ta' ristrutturar, għall-għajnuniet għad-diversifikazzjoni jew għal għajnuniet għar-raffinar taz-zokkor.

## **8. KONKLUŻJONIJIET**

L-użu provviżorju tal-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-FAEG għall-2011, għall-perjodu sat-28 ta' Frar 2011, juri li r-rimborżi ta' kull xahar lill-Istati Membri qabżu l-profil għall-użu tal-baġit abbażi tal-indikatur, b'madwar EUR 219.6 miljun. Inġabar dħul assenjat li jammonta għal EUR 1 227.5 miljun u fl-2011 għad mistenni li jinġabar l-ammont ta' EUR 384.6 miljun.

F'dan il-mument, il-Kummissjoni tistenna li l-ammont ta' dħul assenjat li huwa disponibbli kif ukoll dak li se jsir disponibbli, matul is-sena, se jintuża biex ikopri l-finanzjament tal-fondi operattivi għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-Iskema ta' Pagament Uniku kif kien mistenni oriġinarjament meta ġie stabbilit il-baġit.

F'dak li għandu x'jaqsam maż-żieda tal-korrezzjonijiet tal-approvazzjoni tal-kontijiet minn – EUR 200miljun għal EUR 272 miljun b'kollox, (ara l-punt 4.3.1) il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib l-iżvilupp tal-użu tal-baġit sabiex tara, jekk in-nuqqas ta' użu f'partijiet oħrajn tal-baġit huwiex se jippermetti l-finanzjament ta' parti minn din in-nefqa negattiva, li mhijiex se tiġi koperta mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet u mill-korrezzjonijiet l-oħra tal-Kummissjoni għan-nuqqas ta' ħarsien tal-iskadenzi tal-pagamenti għall-għajnuniet mill-Istati Membri kkonċernati.

Annex 1

SENA TA' BAĠIT 2011 (\*\*)

KONSUM PROVVIŻORJU TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-FAEG

Sitwazzjoni fit-28/02/2011

f'miljuni ta' EUR

	Approprjazzjonijiet tal-Baġit (***)	Il-konsum minn Novembru sa Frar	L-użu	Il-profil tal-konsum fi Frar		Id-differenza bejn l-implimentazzjoni u l-indikatur	
	f'miljuni ta' EUR	f'miljuni ta' EUR	%	%	f'miljuni ta' EUR	%	f'miljuni ta' EUR
	A	B	C=B/A	D	E=D*A	F=C-D	G=B-E
<b>In-nefqa</b>							
05 01 (1) IN-NEFQA AMMINISTRATTIVA GĦALL-FAEG 05010401	9.1	1.0	10.9 %	11.9 %	1.1	-1.0 %	-0.1
<b>It-Total 05 01 In-nefqa amministrattiva għall-FAEG</b>	<b>9.1</b>	<b>1.0</b>	<b>10.9 %</b>	<b>11.9 %</b>	<b>1.1</b>	<b>-1.0 %</b>	<b>-0.1</b>
05 02 L-INTERVENTI FI SWIEQ AGRIKOLI							
05 02 01 Iċ-ċereali	18.1	-47.9	-264.6 %	78.4 %	14.2	-343.1 %	-62.1
05 02 02 Ir-ross	p.m.	0.0	0.0 %				
05 02 03 Ir-riżorsijiet fuq prodotti li mhumiex fi-Anness 1	31.0	4.9	15.9 %	45.4 %	14.1	-29.5 %	-9.1
05 02 04 Il-programmi tal-ikel	500.1	33.6	6.7 %	2.1 %	10.5	4.6 %	23.1
05 02 05 Iz-zokkor	1.2	1.6	130.0 %	57.7 %	0.7	72.3 %	0.9
05 02 06 Iż-żejt taż-żebbuġa	49.6	8.9	18.0 %	36.2 %	17.9	-18.2 %	-9.0
05 02 07 Il-pjanti li minnhom isiru t-tessuti	30.0	11.1	37.1 %	22.5 %	6.8	14.5 %	4.4
05 02 08 Il-frott u ħaxix (minbarra n-nru 05020813)(EUR 500 Miljun stmati mid-dħul assenjat)(*)(***)	491.1	246.9	50.3 %	30.2 %	148.4	20.1 %	98.6
05 02 09 Il-prodotti tas-settur tal-inbid	1.143,7	201,8	17,6 %	7,4 %	84,4	10,3 %	117,3
05 02 10 Il-promozzjoni	59.1	17.1	29.0 %	32.7 %	19.3	-3.7 %	-2.2
05 02 11 Il-prodotti/miżuri oħra tal-pjanti	388.9	169.2	43.5 %	45.0 %	175.2	-1.5 %	-5.9
05 02 12 Il-ħalib u l-prodotti tal-ħalib	100.0	28.9	28.9 %	43.0 %	43.0	-14.1 %	-14.1
05 02 13 Iċ-ċanga u l-vitella	35.1	20.6	58.6 %	38.0 %	13.3	20.6 %	7.2
05 02 14 Il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż	p.m.	0.0					
05 02 15 Il-majjal, il-bajd u l-tjur, l-apikultura u prodotti oħra magħmula mill-annimali	117.0	33.4	28.6 %	26.1 %	30.6	2.4 %	2.8
<b>It-total 05 02 L-interventi fi swieq agricoli (minbarra n-nru 05 02 16)</b>	<b>2.964,9</b>	<b>730,2</b>	<b>24,6 %</b>	<b>19,5 %</b>	<b>578,3</b>	<b>5,1 %</b>	<b>151,9</b>
05 03 L-GĦAJJUNIJET DIRETTI							
05 03 01 L-għajjuniet diretti diżakkoppjati (krediti ta' EUR 747 Miljun stmati mid-dħul assenjat)(*)(***)	36.324,0	33.640,9	92,6 %	92,8 %	33.718,3	-0,2 %	-77,4
05 03 02 L-għajjuniet diretti oħrajn	3.447,0	1.890,7	54,9 %	52,9 %	1.823,4	2,0 %	67,4
05 03 03 L-ammonti addizzjonali ta' għajruna	0,1	0,4	386,6 %	28,0 %	0,0	358,6 %	0,4
<b>It-Total 05 03 L-għajjuniet diretti</b>	<b>39.771,1</b>	<b>35.532,0</b>	<b>89,3 %</b>	<b>89,4 %</b>	<b>35.541,7</b>	<b>0,0 %</b>	<b>0,7</b>
INFIO IEĦOR							
05 04 05040114 L-iżvilupp rurali ffinanzjat mit-Taqsima tal-Garanzija tal-FAEGG fil-perjodu ta' pprogrammar 2000-2006	p.m.	-2,0					
05 04 05040302 Ir-riżorsi ġenetiċi tal-pjanti u tal-annimali - it-tweġiq ta' miżuri preċedenti	p.m.	0,0					
05 07 05070106 L-approvazzjoni tal-kontinjet tas-snin ta' qabel	-272,0	0,0	0,0 %	31,4 %	-85,4	-31,4 %	85,4
(3) 05070107 L-approvazzjoni tal-konformità ta' kontinjet tas-snin ta' qabel	p.m.	3,0					
Linji oħrajn (05070102 u 050702)	9,5	0,0	0,0 %	35,4 %	3,4	-35,4 %	-3,4
05 08 L-ISTRATEĠIJA POLITIKA U L-KOORDINAMENT TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-IŻVILUPP AGRIKOLU U RURALI (minbarra n-nru 050810)	25,7	0,5	1,8 %	4,3 %	1,1	-2,5 %	-0,6
11 02 (2) IS-SWIEQ TAS-SAJD (minbarra n-nru 11020103)	30,0	0,0	0,0 %	0,0 %	0,0	0,0 %	0,0
17 01 (1) (2) IN-NEFQA AMMINISTRATTIVI TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAS-SAPPIA U L-HARSJEN TAL-KONSUMATUR	2,8	0,0	0,3 %	7,2 %	0,2	-6,9 %	-0,2
17 03 (1) (2) IS-SAPPIA PUBBLIKA	p.m.	0,0	0,0 %				
17 03 02 Il-Fond Komunitarju tat-Tabakk — pagamenti diretti mill-Unjoni Ewropea							
17 04 (1) (2) IS-SIKUREZZA TAL-IKEL U TAL-GĦALF, IS-SAPPIA TAL-ANIMALI, IL-BENESSERI TAL-ANIMALI U S-SAPPIA TAL-PJANTI 170401 sa 170407 (minbarra 17040303 u 170406)	350,1	267,2	76,3 %	77,7 %	272,0	-1,4 %	-4,8
<b>In-nefqa totali (minbarra n-nru 05 02 16)</b>	<b>42.891,2</b>	<b>36.532,0</b>	<b>85,2 %</b>	<b>84,7 %</b>	<b>36.312,3</b>	<b>0,5 %</b>	<b>219,6</b>
<b>Id-dħul assenjat</b>	<b>meqjus fil-baġit</b>						
6 7 0 1 L-approvazzjoni tal-kontinjet tal-FAEG — id-dħul assenjat	600,0	236,1					
6 7 0 2 L-irregolaritajiet tal-FAEG — Id-dħul assenjat	88,0	65,7					
6 7 0 3 Imposta speċjali mill-produtturi tal-ħalib — Id-dħul assenjat	19,0	20,6					
Dħul assenjat li għe ttrasferit mill-2010	540,0	905,1					
<b>Id-dħul totali (minbarra n-nru 6 8)</b>	<b>1.247,0</b>	<b>1.227,5</b>					
<b>Il-Fond għar-Ristrutturazzjoni tas-Settur taz-Zokkor</b>	<b>meqjus fil-baġit</b>						
05 02 16 Il-Fond għar-Ristrutturazzjoni tas-Settur taz-Zokkor	195,0	10,6					
6 8 0 1 Ammonti temporanji għar-ristrutturazzjoni — Id-dħul assenjat	p.m.	0,0					
Dħul assenjat li għe ttrasferit mill-2010	1.015,0	1.044,8					
6 8 0 2 Irregolaritajiet li għandhom xjaqsma mal-fond għar-ristrutturazzjoni temporanju — Id-dħul assenjat	p.m.	0,0					
6 8 0 3 L-approvazzjoni fir-rigward tal-fond għar-ristrutturazzjoni temporanju - Id-dħul assenjat	p.m.	0,0					
<b>It-total tal-Fond għar-Ristrutturazzjoni tas-Settur taz-Zokkor</b>	<b>820,0</b>	<b>1.034,1</b>					

	meqjus fil-baġit					
(*) Għall-għanijiet tat-tagħrif biss: in-nefqa meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet oriġinali u l-istima tad-dħul assenjat						
05 02 08 Il-frott u l-ħaxix (minbarra n-nru 05020813)(inkluż l-istima tad-dħul assenjat li tammonta għal EUR 500 miljun (***)	991,1	246,9	24,9 %	30,2 %	299,4	-5,3 %
05 03 01 L-għajjuniet diretti diżakkoppjati (inkluż l-istima tad-dħul assenjat li tammonta għal EUR 747 miljun(***))	37.071,0	33.640,9	90,7 %	92,8 %	34.411,7	-2,1 %

(\*\*) Is-sena tal-baġit hija mis-16.10.2010 sal-15.10.2011 iżda n-nefqa diretta hija possibbli sal-31.12.2011  
 (\*\*\*) Dawn jikkonċernaw l-impenji  
 (\*\*\*) Dawn jinkludu l-użu tad-dħul assenjat li għe ttrasferit mis-sena preċedenti

(1) Kapitu li ma jinkludix biss il-FAEG  
 (2) Kapitu li ma jaqax taħt it-titlu 05 iżda li huwa nkuz fil-FAEG  
 (3) Intużat biss Fkazzijiet fejn l-Istati Membri huma l-benefiċjarji